**30 ta' Jannar, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Avukat Dr. Antonio Caruana

*versus*

Dottor Edgar Buhagiar ne. et.

**Tassazzjoni — Ritassa — Lokazzjoni — Konsenja taċ-Ċwievet — Prefissjoni ta' Terminu — Ċitazzjoni — Nullità — Spejjeż Ġudizzjarji — Reġistratur — Art. 1625 u 1627 tal-Kap. 23 — Art. 758(1) u Tariffa "G" nru. 22(a) tal-Kap. 15.**

*Ċitazzjoni li biha l-attur jitlob illi dikjarazzjoni dwar il-validità jew le ta' lokazzjoni għandha tiġi taxxata skond it-Tariffa "G" annessa mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u biex domanda għall-kundanna tal-konvenut li jikkonsenja ċ-ċwievet. bi prefissjoni ta' żmien għall-konsenja, u bl-awtorizzazzjoni lill-attur li jbiddel is-serratura f'każ ta' inadempjenza fit-terminu prefiss. tiġi ntaxxata bħala domanda waħda, u mhux bħala tliet artikoli kif ġiet taxxata. turi biżżejjed x'ried l-attur, speċjalment għal min kien jaf minn qabel x'kienet il-pretensjoni tal-attur. għalkemm kien ikun aħjar kieku l-attur ikkonċepixxa u niżżel it-talba tiegħu aħjar. Għaldaqstant, iċ-ċitazzjoni b'dik id-diċitura mhix irrita; u skond il-ġurisprudenza l-aktar reċenti, biex ċitazzjoni tiġi ritenuta irrita fuq difett ta' forma, jeħtieġu raġunijiet gravi.*

*Jekk, mbgħad, il-konvenut. li qajjem dik l-eċċezzjoni tal-irritwalità taċ-ċitazzjoni, jissokkombi fil-meritu tal-eċċezzjoni u jiġi kundannat iħallas parti mill-ispejjeż relattivi għal dik id-deċiżjoni, u fil-waqt li jakkweta ruħu għad-deċiżjoni fil-meritu tal-eċċezzjoni, jappella dwar is-sehem ta' spejjeż li hu ġie kundannat iħallas, id-deċiżjoni fil-meritu ma tistax tiġi sinkakata mill-Qorti tal-Appell, u għandha titqies bħala irrevokabbilment ġusta; u l-aktar li tista' tagħmel il-Qorti fl-Appell huwa li tara jekk kienx hemm xi raġuni speċjalis-*

*sima" li għaliha l-konvenut appellant, sokkombenti fl-eċċezzjoni tiegħu, kellu jiġi meħlus minn kull sehem tal-ispejjeż relattivi għal dik l-eċċezzjoni.*

*Talba biex tiġi dikjarata l-eżistenza jew ta' lokazzjoni għandha tiġi ntaxxata "ad valorem"; u meta l-azzjoni hi dwar l-eżistenza jew il-validità tal-kuntratt, il-valur li fuqu għandha ssir it-tassazzjoni, għandu jkun, fil-każ ta' bini, is-somma tal-kera ta' rata waħda. L-iskadenzi ta' wara ma humiex rinnovazzjonijiet tal-lokazzjoni, imma sempliċement proroga, ossija kontinwazzjoni, tal-istess unika lokazzjoni.*

*It-talba għall-kundanna tal-konvenut biex jikkonsenja ċ-ċwievet fi żmien li jiġi prefiss mill-Qorti, u biex jiġi l-attur awtorizzat ibiddel is-serratura f'każ ta' inadempjenza tal-konvenut fit-terminu lilu prefiss, għandha tiġi ntaxxata bħala tliet artikoli. Ladarba dawk it-tliet talbiet ikunu saru u l-Qorti tkun ipprovdiet fis-sentenza fuq kull waħda minnhom, bla ma qalet xejn dwar in-nuqqas ta' utilità jew neċessità ta' xi waħda jew oħra minnhom. Il-fatt biss li domanda tkun aċċessorja għal oħra mhix, weħedha, raġuni biżżejjed biex l-ewwel imsemmija domanda ma tiġix tassata.*

*Id-drittijiet għandhom jiġu ntaxxati u regolati skond it-Tariffa u l-liġi; u r-Reġistratur ma jistax jagħmel arranġament diversi dwarhom, sija pure bl-adezjoni tal-partijiet.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li l-konvenuti Dottor Hugh Harding u Prokuratur Legali Giuseppe Navarro kienu d-difensuri tal-konvenut Giuseppe Fenech fil-kawża infraskritta; u peress li l-konvenut Dottor Edgar Buhagiar ittassa d-drittijiet tar-Reġistru u tad-difensuri fil-kawża ċitazzjoni nru. 724 tal-1955, fl-ismijiet "Giuseppe Fenech kontra Avvocato Dottor Antonio Caruana", deċiża minn din il-Qorti fit-13 ta' Novembru 1957, u mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar 1958, fl-ammont ta' £3.19.0 għar-Reġistru u £12 għall-avukat difensur għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, u fl-ammont ta' £5.13.10 għar-Reġistru u £18.13.4 għall-avukat difensur għas-sentenza mogħtija

mill-Qorti tal-Appell, skond kif jidher minn taxxa (dok A) u kopja tar-regolament tat-tassazzjoni senjata dok. B; u peress li din it-tassazzjoni mhix skond il-liġi, għaliex l-ewwel domanda avanzata fiċ-ċitazzjoni nru. 724 tal-1955 fuq imsemmija, biex jiġi dikjarat li teżisti vera lokazzjoni bejn il-kontendenti Dr. Caruana u Fenech tal-fond imsemmi f'dik iċ-ċitazzjoni bil-kera ta' £11 fis-sena, pagabbli trimestralment kif ġie stabbilit mill-Board tal-Kera fiż-17 ta' Settembru 1952, kellha tiġi tassata skond it-tieni paragrafu tan-nru. 22(a) tat-Tariffa "G" annessa mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, bħala relattiva għall-valur determinat jew determinabbli a norma tal-art. 767(1) kombinat mal-art. 756(a) tal-istess Kodiċi, u t-tielet domanda, ċjoè dik relattiva għall-konsenja taċ-ċwievet tal-istess fond fuq imsemmi, ġiet tassata bħala tliet artikoli, mentri hija domanda waħda ntiża għall-istess uniku skop; talab li din il-Qorti tordna lill-konvenut Dottor Edgar Buhagiar, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, li jagħmel ir-ritassa tad-drittijiet fuq imsemmija, tar-Reġistru u tad-difensuri, skond it-Tariffa "G" annessa mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fuq id-direttivi, okkorrendo, li tagħti l-Qorti, u skond it-Tariffa "A" annessa mal-istess Kodiċi. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Giuseppe Fenech, li biha qal li l-attur, fost oħrajn, irid illi d-domanda relattiva għall-eżistenza jew le tal-lokazzjoni bejniethom tiġi taxxata mhux bħala dikjarazzjoni, u sa hawn ma hemmx x'wieħed jgħid; imma jrid illi tiġi taxxata fuq il-valur tal-lokazzjoni, però dan il-valur iridu jiġi ntaxxat kif irid hu, u naturalment kif jaqbillu. Issa, il-valur tal-lokazzjoni huwa f'dan il-każ ta' £11 fis-sena (jekk mhux ta' £18 kif l-attur dejjem sostna) moltiplikat b'dak in-numru ta' snin li ma' tulhom l-attur kien isostni illi "ma hemmx lokazzjoni". Dan il-perijodu beda minn quddiem il-Board tal-Kera fl-annu 1952, u baqa' jestendi ruħu sakemm ġiet definita l-kawża "Giuseppe Fenech vs. Avukat Dr. Antonio Caruana" fl-24 ta' Frar 1958 quddiem l-Appell, jew aħjar sat-trimestru allura in korso. Biex wieħed jaċċerta ruħu jekk hux eżatt dan, basta wieħed jagħti daqqa ta' għajn lejn in-nota tal-osservazzjonijiet eżawrjenti illi Dr. Caruana ppreżenta quddiem l-appell fuq il-kawża, fejn l-attakki kienu prinċipalment diretti kontra l-imsemmija lokazzjoni,

li huwa kien minn dejjem isostni, u baqa' sa l-aħħar isostni, li kienet ineżistenti. Id-depożiti tal-kera, mbgħad, għal ħafna snin, huma prova oħra ta' din il-pretensjoni tal-attur. U kwantu għad-domanda relattiva għall-prefissjoni tat-terminu nvoluta fid-domanda għall-kunsinna taċ-ċwievet, huwa kien aderixxa u ppresta l-kunsens tiegħu illi l-prefissjoni tat-terminu ma tiġix meħuda in konsiderazzjoni għall-fini tat-tassazzjoni, u dan kif jidher minn ittra li huwa, per mezz tal-konsulent legali tiegħu Dr. Lorenzo Cassar, kien bagħat lill-konvenut l-ieħor l-Avukat Dr. Buhagiar fid-data tat-18 ta' April 1958 (li kopja tagħha tinsab annessa bħala dok. A), fil-waqt illi l-attur kien jaf biha "qabel" ma ppreżenta ċ-ċitazzjoni, u għalhekk id-domanda relattiva hija bla lok u vessatorja, u ntiża biex tikkaġuna spejjeż inutili u telf ta' żmien. Iż-żewġ dikjarazzjonijiet l-oħra, relattivi għall-kunsinna taċ-ċwievet, ġew intaxxati tajjeb kif kellhom ikunu. *Huwa kien ukoll informa* lir-Reġistratur illi kien ippresta l-kunsens tiegħu illi l-kwistjoni tal-lokazzjoni tiġi taxxata fuq il-valur tal-lokazzjoni kalkulat mill-1952 sal-1958 kif intqal fuq (ara l-ittra tas-26 ta' April 1958, Dok. B), u b'din l-ittra l-attur kien ġie wkoll infurmat, u għal hekk din il-kawża ma kienx hemm assolutament lokha, u saret unikament biex l-attur *ikun jista' jittardja kemm jista' l-ġurnata tal-pagament* tal-ispejjeż ġudizzjarji. U fl-aħħarnett, ġa ladarba l-attur qiegħed jimpunja din it-taxxa, u qiegħed jitlob ir-ritassa, kellu jindika speċifikatament kif u b'liema mod din it-taxxa kellha tiġi alterata u kif ir-ritassa kellha ssir, appuntu kif isir fl-impunjazzjoni tal-kontijiet meta ssir ir-reża tagħhom, *fejn* kull partita mpunjata trid tkun separatament kritikata;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dr. Edgar Buhagiar nomine, li biha qal li l-attur għandu raġun jgħid illi d-dikjarazzjoni mitluba fl-ewwel domanda għandha tiġi taxxata "ad valorem"; *il-korrezzjoni ma* saretx l-għaliex ma kienx hemm kunsens fuq il-komputazzjoni tal-valur involut, kif jinsab spjegat fid-dikjarazzjoni. L-attur għandu raġun ukoll jgħid illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ, fejn il-prefissjoni taż-żmien hija mitluba bħala aċċessorja u kważi bħala komplement tal-ewwel domanda, ma għandhiex tiġi

taxxata; imma ma għandux raġun jgħid illi dik id-domanda għandha tiġi taxxata bħala artikolu wieħed; fis-sottomissjoni tiegħu, id-domanda għandha tiġi taxxata bħala żewġ artikoli. Anki f'dan il-każ, il-korrezzjoni tat-tassazzjoni ma saretx għar-raġunijiet indikati fid-dikjarazzjoni. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Hugh Harding u P.L. Giuseppe Navarro, li biha qalu li huma ma għandhom x'jaqsmu xejn f'din il-kawża u ġew ċitati ħażin; li huma għandhom biss relazzjonijiet mal-konvenut l-ieħor Fenech, u xejn mal-attur; li fi kwalunkwe każ iċ-ċitazzjoni hija irrita, l-għaliex ma tispjegax ċar x'irid l-attur, li qiegħed jitlob biss ritassa mingħajr ma jgħid din ir-ritassa kif u b'liema mod għandha ssir, u f'liema ammonti, u għalhekk talbu li jiġu liberati, bl-ispejjeż kontra l-attur;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Ġunju 1958, li biha qatgħet u ddeċidiet billi l-ewwelnett ċaħdet l-eċċezzjoni tal-irritwalità avanzata mill-konvenut Fenech u minn Dr. Harding u P.L. Giuseppe Navarro a spejjeż tagħhom, però fir-rapporti nterni tibqa' regolata li titħallas nofs mill-konvenut Fenech u nofs mill-eċċipjenti l-oħra flimkien; it-tieni nett iddikjarat li l-ewwel talba fiż-żewġ sedijiet involuti ġiet intaxxata inkorrettament bħala dikjarazzjonijiet, mentri kellha tiġi taxxata "ad valorem", u għall-finijiet tal-valur involut fil-kawża ordnat li l-istess għandha tiġi ntaxxata fuq il-kera ta' £11 fis-sena għall-perijodu mill-31 ta' Ottubru 1951 sat-30 ta' Ottubru 1952, konglobati ma' dan l-ammont il-perijodi rinnovatorji kollha mdaħħla sad-depożitu tat-13 ta' Settembru 1955, bl-ispejjeż ta' din it-talba terz għall-instant, terz għall-konvenut Fenech, u terz għal Dr. Buhagiar nomine; u fl-aħħarnett iddikjarat li t-tielet talba kellha "stricto jure" tiġi ntaxxata bħala tliet artikoli, kif ġiet fil-fatt regolata, b'mod li l-istess taxxa ma għandhiex għalfejn tiġi riformata; imma, peress li r-Reġistratur, wara li saret it-taxxa, ippropona li tkun regolata bħala żewġ artikoli, u l-partijiet aderew għaliha, l-istess, fil-konfront bejniethom, għandha tkun regolata bħala żewġ artikoli, b'ordni lir-Reġistratur li jagħmel notament fil-

ktieb tar-regolament tat-taxxi ta' dak li rriżulta f'din il-kawża, sabiex dan ir-regolament ma jkunx iservi bħala preċedent; l-ispejjeż ta' din it-talba jibqgħu għall-attur u Dr. Buhagiar nomine, nofs kull wieħed; u b'hekk laqgħet u rispettivament ċaħdet id-domandi attriċi. Il-konvenuti Dr. Harding u P.L. Navarro jħallsu l-ispejjeż tagħhom. Wara li kkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-attur qiegħed jitlob ir-ritassa tad-drittijiet tar-Reġistru u tad-difensuri fil-kawża ċivili nru. 724 tal-1955, fl-ismijiet "Giuseppe Fenech vs. Dr. Antonio Caruana", deċiża minn din il-Qorti fit-13 ta' Novembru 1957 u mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar 1958. Qabel il-kawża, l-avukati tal-partijiet kienu kkonferew mar-Reġistratur ta' din il-Qorti fuq il-kwistjonijiet insorti, imma b'mod li huma kienu, jew suppost li kienu, jafu minn qabel il-promozzjoni tal-kawża dwar liema kawżali l-kawża odjerna kienet sejra taġita ruħha;

Illi l-kawża ċivili 724/1955, fuq imsemmija, kienet tivverti fuq (1) id-dikjarazzjoni tal-eżistenza tal-lokazzjoni tal-fond imsemmi fl-att inizjatorju tal-ġudizzju bil-kera ta' £11 fis-sena, pagabbli semestralment bil-quddiem; (2) il-validità tad-depożiti li l-attur għamel qabel il-kawża, għall-ammont ta' £37. 10. 0; (3) il-kundanna tal-konvenut sabiex jikkunsinna lill-instanti tliet ċwievet, waħda tal-bieb prinċipali tad-dar in kwistjoni, u tnejn oħra ta' bieb sekondarju tal-istess fond, fi żmien u terminu prefiġġend mill-Qorti, u fin-nuqqas l-awtorizzazzjoni lill-instanti jbiddel iż-żewġ serraturi, għall-bżonn taħt id-direzzjoni ta' persuna tal-arti;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut Fenech u l-Avukat Dr. H. Harding u l-P.L. Navarro, imħarrka għall-interess li jista' jkollhom, eċċepew li t-talba attriċi mhix speċifikata, u hija per konsegwenza irrita. l-għaliex l-instanti talab ir-ritassa mingħajr ma qal fl-att taċ-ċitazjoni kif u b'liema mod dik l-istess ritassa kellha ssir;

Illi, apparti l-fatt illi l-eċċipjenti, minħabba l-kommu-

[...]kazzjonijiet li kellhom qabel il-kawża permezz tar-Reġistratur bejniethom (il-konvenut permezz ta' Dr. Lorenzo [C]assar, u l-eċċipjenti l-oħra permezz tal-istess avukat, li [m]a setgħux ma kienux jafu minnu dak li kien qiegħed isir), [u] apparti n-nota tal-attur tal-21 ta' Mejju 1958, li l-avukati Dr. Cassar u Dr. Harding kienu jafu biha, l-għaliex meta giet ordnata mill-Qorti kienu preżenti fl-awla, u setgħu, kieku riedu, irtiraw l-eċċezzjoni tagħhom, mill-premessa taċ-ċitazzjoni jirriżulta illi d-dikjarazzjoni tal-eżistenza tal-lokazzjoni msemmija "kellha tiġi taxxata skond it-tieni paragrafu tan-numru 22 (a) tat-Tariffa "G" annessa mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, bħala relattiva għall-valur determinat jew determinabbli a norma tal-art. 767(1) kombinat mal-art. 756(a) tal-istess Kodiċi, u t-tielet domanda, ċjoè dik relattiva għall-konsenja taċ-ċwievet tal-istess fond fuq imsemmi ġiet taxxata bħala tliet artikoli, mentri li hija, domanda waħda għall-istess skop"; liema diċitura turi xi ried l-attur, speċjalment għal min kien jaf minn qabel il-kontenzjoni tiegħu, għalkemm kien ikun aħjar kieku kkonċepiha u niżżilha aħjar;

Illi, kwindi, dak li kien imniżżel fil-premessi tal-att taċ-ċitazzjoni kien biżżejjed biex dak l-att ma jiġix dikjarat irritu; u in konsegwenza tiċħad l-eċċezzjoni miġjuba l-quddiem mill-eċċipjenti msemmija;

Ikkunsidrat;

Illi fuq il-meritu jingħad li, wara li saret it-tassazzjoni taż-żewġ istanzi tal-kawża fuq imsemmija, u l-istess tassa ġiet reġistrata, u wara li l-instanti ġie notifikat bl-istess taxxa tal-ispejjeż, dan l-aħħar imsemmi ġieb il-quddiem a konjizzjoni tar-Reġistratur ta' dawn il-Qrati l-fatt li skond il-ħsieb tiegħu it-tielet talba kienet ġiet intaxxata erroneament bħala tliet artikoli, mentri kellha tiġi ntaxxata bħala artikolu wieħed. Ir-Reġistratur informa lil Dr. Lorenzo Cassar bil-kwerela tal-instanti; u għalkemm l-istess Dr. Cassar għall-ewwel ma ħassx li kellu jaderixxi, in segwitu aderixxa għall-korrezzjoni tat-taxxa; però l-istess ma ġietx korretta, għaliex Dottor Caruana qajjem kwistjoni, skond ir-Reġistratur, illi t-talba għall-prefissjoni tat-terminu kellha tiġi kunsidrata bħala aċċessorja għad-domanda l-oħra,

u dik l-istess talba kellha kwindi tiġi ntaxxata bħala żewġ artikoli. In segwitu Dr. Caruana, infurmat bl-adeżjoni ta' Dr. Cassar, u wara li akkonsenta għall-korrezzjoni, ġieb il-quddiem kwistjoni oħra, u sostna li l-ewwel domanda, għal-kemm mitluba bħala dikjarazzjoni, kellha tkun taxxata "ad valorem", u li l-valur involut kellu jkun ta' £11 korrispondenti għal sena kera. Mentri Dr. Cassar u l-istess Reġistratur ta' din il-Qorti qablu li dik l-istess domanda kellha tiġi taxxata "ad valorem", l-istess Dr. Cassar ippretenda illi l-valur implikat u nvolut kellu jkun, jekk mhux forsi anki fuq in-bażi ta' £18 fis-sena kera, fuq il-kera annwali għall-perijodu mill-1951 sat-trimestru li kien korrenti fl-24 ta' Frar 1958, jum tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell; ir-Reġistratur kien pront jikkunsidra l-valur sal-jum tal-ġurnata taċ-ċitazzjoni u jikkorreġi t-taxxa f'dak is-sens, imma l-instanti u l-avukat tal-konvenut prinċipali ma qablux; u in segwitu saret il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi milli jidher mill-attijiet tal-kawża, il-kontendenti prinċipali jaqblu li t-talba relattiva għall-eżistenza jew le tal-lokazzjoni, li ġiet intaxxata bħala dikjarazzjoni (ara dok. B fol. 6 tal-proċess), kellha fil-fatt tiġi ntaxxata "ad valorem". Fejn il-kontendenti prinċipali ma jaqblux huwa li, mentri l-instanti jsostni li l-kawża kellha tiġi taxxata fuq il-valur ta' £11, il-konvenut Fenech mill-parti tiegħu jsostni li l-valur li fuqu għandha tiġi taxxata l-kawża huwa mill-perijodu minn meta l-Board tal-Kera, fl-annu 1952 (17 ta' Settembru), ta d-deċiżjoni tiegħu għall-perijodu hemm involut (ċioè 31 ta' Ottubru 1951) sa ma l-kawża li hemm kwistjoni fuq it-tassazzjoni tagħha ġiet deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar 1954, jew aħjar sat-trimestru li kien miexi meta l-kawża inqatgħet quddiem l-istess Qorti tal-Appell;

Ikkunsidrat;

Illi fil-ħsieb ta' din il-Qorti, tant it-teżi tal-instanti kemm dik tal-konvenut Fenech mhumiex korretti, u ma jistgħux jiġu aċċettati bil-favur fis-sens li huma proposti.

Infatti, dik proposta mill-instanti tippekka l-għaliex, meta saret id-domanda tal-attur Fenech fil-kawża l-oħra, fil-31 ta' Ottubru 1955, id-disputa bejn il-kontendenti kienet tirrigwarda s-sena li dwarha l-Board tal-Kera, bis-sentenza taż-17 ta' Settembru 1952, kien iddetermina l-kera ta' £11 pagabbli trimestralment bil-quddiem mill-jum 31 ta' Ottubru 1951 (ara dok. A. fol. 6 tal-proċess ċivili 724/55 in re "Fenech vs. Dr. Caruana"), peress li s-sentenza tirritraji ruħha għall-bidu tal-lokazzjoni; u in aġġunta kienu qegħdin jiġu disputati l-perijodi tar-rinnovazzjonijiet wara li għaddiet dik l-istess sena, sal-perijodu ta' kera tal-aħħar depożitu tat-13 ta' Settembru 1955 (ara, bħala argument analogu art. 1621 u 1625 Kap. 23 akkoppjat mal-art. 756 (a) Kap. 15); b'mod li l-valur konglobali ta' dawk il-kirjiet kien in disputa;

Lanqas dik it-teżi tal-konvenut Fenech ma tipperswadi; l-għaliex fil-jum meta ppropona l-kawża l-valur fuq imsemmi kien in disputa, u kieku kellha tiġi aċċettata "a bocca baciata" t-teżi tiegħu, l-istess twassalna għall-assurd li l-valur ta' talba jakkrexxi ruħu man mano li l-kawża tkun miexja, b'mod li, jekk il-kawża ddum ma tinqata' għaxar snin, il-valur tagħha fil-jum tat-talba jikber għaxar darbiet sakemm tinqata'. Del resto, il-valur tad-depożiti juri x'kien il-valur tal-oġġett "in lite" meta saret iċ-ċitazzjoni. Il-pretensjoni mbgħad insinwata mill-konvenut Fenech (l-attur fil-kawża l-oħra), fis-sens li l-kera kellu bilfors anki jiġi kunsidrat bit-£18 fis-sena, hija assolutament bla bażi. b'sempliċi viżwali tal-att promotorju tal-ġudizzju korrenti nru. 724/1955, fejn jingħad li l-lokazzjoni kienet giet fissata mill-Board tal-Kera bi £11 fis-sena, u f'dak issens huwa talab li l-lokazzjoni tiġi dikjarata eżistenti. Jingħad ukoll li, meta tingħata sentenza fuq att promotorju tal-ġudizzju propost dwar eżistenza ta' kuntratt ta' lokazzjoni, l-istess deċiżjoni tirriferixxi għall-jum meta dak l-istess kuntratt ikun sar;

Ikkunsidrat;

Illi fil-ħsieb ta' din il-Qorti, kwindi, il-valur tal-kawża in kwistjoni għandu jkun dak in relazzjoni għal-lokazzjoni dwar il-perijodu li għalieh fit-talba l-attur jippretendi li

għandha tiġi kunsidrata bħala li qegħdha sseħħ, u ċjoè għal sena mill-jum 31 ta' Ottubru 1951, u għar-rinnovazzjonijiet taċiti kompriżi fit-talba, u li kienu allura in disputa. Il-perijodi rinnovatizji ta' wara dik it-talba, li mhumiex *kompriżi fiha u li baqgħu mexjin fil-kors tal-kawża*, awtomatikament jippartecipaw minn dik l-istess xorti mnissla mis-sentenza, imma ma jiffurmawx il-"quod disputatum" fil-kawża bħala valuri "ut sic";

Illi, in konsegwenza, il-Qorti taqbel li l-ewwel domanda għandha *tiġi* taxxata "*ad valorem*", u mhux bħala sempliċi dikjarazzjoni, kif erroneament sar; b'dan, però, illi l-istess għandha tiġi komputata fuq il-valur korrispondenti għallammont ta' kera sal-jum tal-att promotorju tal-ġudizzju;

Ikkunsidrat;

Illi l-instanti ġieb il-quddiem kwerela oħra li tirrigwarda t-tielet talba. Fl-att taċ-ċitazzjoni l-instanti semma li t-tielet talba, relattiva għall-(1) kunsinna taċ-ċwievet, (2) prefissjoni ta' terminu għall-kunsinna, u (3) tibdil tas-serratura, kellha tiġi ntaxxata bħala artikolu wieħed, mentri l-istess ġiet taxxata bħala tliet artikoli; imma mbgħad, finnota tiegħu tal-21 ta' Mejju 1958, għamel menzjoni li kellha tiġi taxxata bħala żewġ artikoli. *Il*-konvenut Fenech fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu aderixxa li l-istess talba tkun taxxata bħala żewġ artikoli minn qabel il-kawża, fuq proposta tar-Reġistratur ta' dawn il-Qrati, li hekk deherlu li kellha tiġi taxxata; u l-istess Reġistratur informa lil Dr. Caruana, u dan aderixxa li dik it-talba tkun taxxata bħala żewġ artikoli, u ntant mexxa l-kawża fis-sens premess;

Illi għall-mument, apparti l-konvenzjoni bejn il-kontendenti prinċipali, dwar din it-talba jingħad li, mentri l-kunsinna taċ-ċwievet u dik tat-tibdil tas-serratura huma dikjarazzjonijiet relattivi għall-punt ta' dritt, il-prefissjoni tat-terminu hija dikjarazzjoni ta' punt ta' fatt. Skond in-*numru* 22(a) *tat-Tariffa "G" annessa għall-Kodiċi* ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kwalunkwe dikjarazzjoni meħtieġa, li jkun fiha deċiżjoni fuq punt ta' fatt jew ta' liġi, għandha tiġi taxxata mir-Reġistratur, li huwa nkarigat mit-tassazzjoni tal-ispejjeż ġudizzjarji (art. 62 Kap.

15). Mhux leċitu għar-Reġistratur jiddetermina jekk dikjarazzjoni hijiex neċessarja jew superfluwa, meta l-Qorti ma tkunx spjegat ruħha dwarha fis-sentenza, u partikolarment meta l-istess Qorti tkun iddeċidietha bl-akkoljiment tagħha (ara sent. Appell "Fred. Eynaud vs. Xuereb", 15 ta' Ġunju 1887). Ir-Reġistratur, konvenut f'din il-kawża, qal li huwa kkunsidra l-fissazzjoni tat-terminu bħala aċċessorja tad-domanda tal-kunsinna, u kwindi qabel ma' Dr. Caruana li mhix tassabbli; imma dan ir-raġunament mhux korrett, għaliex id-domanda tal-prefissjoni tat-terminu kienet meħtieġa, għalkemm subordinata għat-talba tal-kunsinna. Infatti, kieku din il-Qorti pprefiġġiet terminu ta' sena għall-kunsinna taċ-ċwievet, u l-attur f'dik il-kawża, aggravat minn dak it-terminu, ried jappella minnha, kien ikun imfixkel fl-appell tiegħu minn nuqqas ta' tassazzjoni dwarha. Jingħad ukoll illi fil-kawża ta' riżoluzzjoni ta' lokazzjoni u żgumbrament bi prefissjoni ta' terminu din it-tieni talba hi subordinata għall-ewwel waħda, u "stricto jure" meħtieġa, u kwindi tiġi taxxata separatament ukoll, għalkemm ġie li l-istess Reġistraturi ta' dawn il-Qrati inkorrettament intaxxaw kawżi simili bħala (a) riżoluzzjoni u (b) bħala żgumbrament bi prefissjoni tat-terminu globalment, mentri kellhom jintaxxaw l-iżgumbrament separatament u l-prefissjoni tat-terminu bħala dikjarazzjoni ta' fatt, kif kien tabilfors isir kieku jintalab l-iżgumbrament f'kawża u l-prefissjoni tat-terminu f'kawża oħra separata;

Illi kwindi, "stricto jure", il-prefissjoni tat-terminu kellha, kif ġiet, tiġi ntaxxata bħala dikjarazzjoni involventi punt ta' fatt, u r-Reġistratur ma kellhux jarbitra dwarha; u dan jingħad għall-quddiem. B'mod li t-talba numru tlieta hija tajjeb intaxxata fuq il-bażi ta' tliet artikoli;

Ikkunsidrat;

Illi però l-partijiet, mill-attijiet tal-kawża, aderew li f'din il-kawża t-tielet talba tiġi kalkulata bħala żewġ artikoli, u dan il-fatt ġuridiku jnissel għall-konklużjoni li t-taxxa in kwistjoni għandha tiġi kalkulata fis-sens li hija regolata bħala żewġ artikoli l-għaliex il-partijiet hekk ftehmu bl-adeżjoni tar-Reġistratur; b'dana li jsir notament fuq ir-regolament tat-tassazzjoni mill-istess Reġistratur

meta din id-deċiżjoni tgħaddi [illegible] espress, sabiex l-istess ma jkunx jista' jservi ta' preċedent għal każijiet oħra ta' l-istess natura;

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-eċċipjenti Dr. Harding u P.L. Giuseppe Navarro, imħarrka għall-interess li jista' jkollhom, dawn l-aħħar imsemmija qalu li huma ma għandhomx x'jaqsmu assolutament xejn ma' din il-kawża, għaliex ir-relazzjonijiet tagħhom jirrapportaw ruħhom mal-konvenut Fenech, u mhux mal-attur;

Illi għamel sewwa l-attur, li ħarrek lill-avukat u P.L. tal-konvenut Fenech, li ddefendew lil dak il-konvenut f'dik il-kawża, fil-kawża odjerna, għar-raġunijiet maġistralment esposti fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Ottubru 1935 in re "Libreri vs. Stagnes ne." (Vol. XXIX-II-706); l-għaliex f'kawża ta' ritassa ta' drittijiet tad-difensuri dawn għandhom interess impliċitu li indirettament jirrifletti fuq l-istess jeddijiet tagħhom għall-propina li tkun ħaqqhom;

Illi, f'lok li l-eċċipjenti baqgħu siekta, jew irrimettew ruħhom għal dak li kienet sejra taqta' l-Qorti, talbu l-liberazzjoni tagħhom mill-osservanza tal-ġudizzju; liema aġir tagħhom għandu jkollu konsegwenzi;

Rat in-nota li biha Giuseppe Fenech appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu fejn talab li tiġi riformata, billi (1) jiġi riformat l-ewwel kap billi jiġi konfermat f'dik il-parti fejn hu ġie liberat minn nofs l-ispejjeż relattivi għal dak il-kap, u revokat fejn hu ġie kundannat għan-nofs l-ieħor, billi l-ispejjeż kollha ta' dak il-kap, relattiv għan-nuqqas ta' kjarezza taċ-ċitazzjoni, jiġu deċiżi kontra l-attur appellat; (2) jiġi riformat it-tieni kap, relattiv għall-valur tal-lokazzjoni, fis-sens li dan jiġi konfermat f'dik il-parti fejn id-durata tal-lokazzjoni ġiet estiża għal aktar minn sena, kif ippretenda l-attur, u revokat fejn dik id-durata għall-fini tat-tassazzjoni ġiet limitata biss sal-aħħar depożitu, billi jiġi deċiż illi dik id-durata kellha tkun estiża sat-trimestru korrenti meta l-kawża li tat lok għar-ritassa ġiet deċiża fl-24 ta' Frar 1958 minn din il-Qorti, bl-ispejjeż

kollha kontra l-attur appellat; (3) jiġi riformat il-kap relattiv għall-prefissjoni tat-terminu, billi jiġi konfermat fejn l-Ewwel Qorti rriteniet, bħala prinċipju u bħala regola, li dan hu artikolu li għandu jiġi ntaxxat separatament, u revokat fejn l-istess Qorti rriteniet li fil-fattispeċje ma għandux jiġi hekk taxxat, billi jiġi deċiż illi, fi kwalunkwe każ, dan l-artikolu jikkostitwixxi dikjarazzjoni separata, u li fil-każ preżenti għandu jiġi indistintament taxxat separatament, bl-ispejjeż kollha kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta tal-attur għall-petizzjoni tal-imsemmi Giuseppe Fenech, li biha hu qal illi s-sentenza appellata, in kwantu laqgħet it-talba tiegħu u kkundannat lill-appellant Fenech f'parti mill-ispejjeż, hi ġusta u tistħoqq konferma, bl-ispejjeż; iżda fl-istess ħin l-attur appella inċidentalment mill-imsemmija sentenza, u talab li tiġi riformata (1) in kwantu għall-ewwel kap, fejn ġie dikjarat li t-tassazzjoni *relattiva għall-eżistenza tal-lokazzjoni* għandha ssir fuq il-valur komputabbli fuq il-kera ta' £11 fis-sena għall-perijodu mill-31 ta' Ottubru 1951 sat-30 ta' Ottubru 1952, konglobati ma' dan l-ammont il-perijodi rinnovatorji kollha mdaħħla sad-depożitu tat-13 ta' Settembru 1955, u kkundannatu jħallas terz tal-ispejjeż, u jiġi minflok dikjarat illi t-tassazzjoni *rigward l-ewwel domanda* għandha ssir a norma talart. 767 tal-istess Kodiċi, ċjoè fuq il-valur rappreżentat minn trimestru ta' kera fuq il-bażi ta' £11 fis-sena, (2) u in kwantu għat-tieni kap tas-sentenza appellata, fejn ġie dikjarat illi t-tielet talba kellha tiġi ntaxxata bħala tliet artikoli, li però bejn l-appellanti Fenech u l-istess Dr. Caruana għandha tkun regolata bħala żewġ artikoli, u kkundannatu jħallas nofs l-ispejjeż ta' dik id-dikjarazzjoni, u jiġi, minflok, dikjarat illi t-tassazzjoni relattiva għandha ssir bħala artikolu wieħed u hu jiġi liberat mill-ispejjeż kollha;

Rat in-nota li biha Dottor Edgar Buhagiar, bħala Reġistratur tal-Qrati, appella mill-istess sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi riformata fit-tieni kap tagħha, billi dan il-kap jiġi konfermat in kwantu l-Ewwel Qorti ordnat illi t-tassazzjoni tiġi korretta billi ssir bħala żewġ artikoli, u in kwantu kkundannat l-attur u l-konvenut Fenech iħallsu terz kull wieħed mill-ispejjeż, u in kwantu kkundannat l-avukat Dr. Harding u P.L. Giuseppe Navarro

iħallsu l-ispejjeż lagi[illegible] fejn l-istess Qorti ddikjarat illi t-tassazzjoni fuq imsemmija kellha ssir bħala tliet artikoli, in kwantu ġie dikjarat illi r-raġuni li għaliha l-Qorti ordnat il-korrezzjoni kienet tikkonsisti fil-ftehim bejn il-partijiet in kwantu ordnat lilu jagħmel notament fil-ktieb tar-regolament tat-taxxi ta' dak li rriżulta f'din il-kawża, sabiex dan ir-regolament ma jservix bħala preċedent, u in kwantu kkundannatu jħallas terz mill-ispejjeż relattivi; u hekk jiġi deċiż biss illi t-tassazzjoni tad-domandi ndikati għandha ssir bħala żewġ artikoli; bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi;

Rat ir-risposta tal-attur Dottor Caruana għall-petizzjoni ta' Dottor Buhagiar nomine, li biha qal illi s-sentenza appellata in kwantu laqgħet id-domandi avanzati biċ-ċitazzjoni hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż u fl-istess ħin appella inċidentalment minn dik is-sentenza, u talab ir-riforma tagħha bil-mod li ġa ġie fuq indikat;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u dawk li għalihom saret riferenza;

Semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat;

Fuq l-appell prinċipali tal-konvenut Giuseppe Fenech;

L-ewwel ilment ta' dan l-appellant kontra s-sentenza appellata huwa illi, bl-ewwel kap li bih ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-irritwalità taċ-ċitazzjoni sollevata minnu u minn żewġ konvenuti oħra hu ġie kundannat iħallas nofs l-ispejjeż relattivi għal dik id-deċiżjoni;

Dan l-ilment ma jistax jiġi milqugħ. Fil-petizzjoni tiegħu, dan l-appellant jgħid illi l-Ewwel Qorti kienet "irrikonoxxiet il-fondatezza ta' dik l-eċċezzjoni", u rritenietha "f'lokha u bażata". Iżda ma hemm xejn fil-proċess li jsostni din l-allegazzjoni. Anzi din hi espressament kontraddetta mill-istess sentenza, li biha, infatti, dik l-eċċezzjoni ġiet miċħuda. Il-fatt biss illi, fuq ordni verbali tal-Ewwel Qorti, l-attur ta xi skjarimenti ulterjuri, ma jimpurtax illi dik il-Qorti "irrikonoxxiet" il-fondatezza tal-eċċezzjoni. Appena hemm bżonn jingħad illi, skond il-ġu-

risprudenza l-aktar reċenti, biex ċitazzjoni tiġi ritenuta irrita fuq difett ta' forma, jeħtieġu raġunijiet gravi (Vol. XXXIX-I-278). Del resto, dan l-appellant stess akkweta ruħu għad-deċiżjoni in kwistjoni fil-meritu tagħha, u dik id-deċiżjoni ma tistax, għalhekk, tiġi sindakata minn din il-Qorti, u għandha irrevokabbilment titqies ġusta. L-aktar li din il-Qorti tista' tagħmel huwa li tara jekk kienx hemm xi "raġuni speċjalissima" li għaliha l-appellant Fenech, sokkombenti fl-eċċezzjoni tiegħu, kellu jiġi meħlus minn kull sehem tal-ispejjeż (XXXIX-I-343); u raġuni simili din il-Qorti ma ssibx. Pjuttost għandu jingħad illi dan hu każ fejn id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż hija loġikament konnessa ma' dik fuq il-meritu, tant li titqies bħala aċċessorja tagħha u strettament dipendenti minnha (App. "Muscat vs. Magri", 13.11.1885);

Għalhekk, fuq l-ewwel ilment, l-appell tal-konvenut Fenech ma jistax jiġi milqugħ;

It-tieni aggravju ta' dan l-appellant huwa illi l-Ewwel Qorti, għall-finijiet tat-tassazzjoni, eskludiet mill-kalkolu tal-valur il-kera dovut għaż-żmien li għadda bejn id-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni fil-kawża l-oħra u d-data li fiha dik il-kawża ġiet finalment deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 1958, u akkollat terz tal-ispejjeż ta' dak il-kap lill-istess appellant;

Biex jiġi kjarit il-punt in kwistjoni jeħtieġ jiġi preċiżat x'kienet it-talba tal-attur f'dik il-kawża l-oħra, li dwar it-tassazzjoni tagħha l-appellant qiegħed jilmenta;

F'dik il-kawża l-attur (issa l-appellant Fenech) talab, fl-ewwel lok, għar-raġunijiet esposti fiċ-ċitazzjoni tiegħu, illi "Jiġi dikjarat mill-Qorti, jekk hemm bżonn, illi teżisti vera lokazzjoni tal-fond (imsemmi fiċ-ċitazzjoni) validament kontratta bejn il-partijiet bil-kera ta' £11 fis-sena, pagabbli trimestralment bil-quddiem";

L-eċċezzjoni tal-konvenut (issa l-appellat Dr. Caruana) kienet illi dik it-talba kienet infondata, għax ebda lokazzjoni ma kienet ġiet konċessa favur l-attur;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, bis-sentenza tagħha tat-13 ta' Novembru 1958, laqgħet it-talba u ddikjarat illi bejn il-partijiet kien hemm vera u proprja lokazzjoni bil-kera ta' £11 fis-sena, li jitħallas bit-tliet xhur bil-quddiem, u bil-kondizzjonijiet imsemmija fid-deċiżjoni tal-Board tal-Kera. Dik is-sentenza ġiet konfermata minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha fuq imsemmija tal-24 ta' Frar 1958;

Għad illi fit-taxxa magħmula mir-Reġistratur id-deċiżjoni fuq imsemmija dwar l-eżistenza tal-lokazzjoni ġiet regolata bħala "dikjarazzjoni", issa ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet, kompriż l-istess Reġistratur, illi t-tassazzjoni messha saret "ad valorem". Dan ġie wkoll deċiż fis-sentenza appellata; u fuq hekk ma hemm ebda lment quddiem din il-Qorti. Il-kwistjoni hi biss dwar kif għandu jiġi kalkulat dan il-valur. Waqt illi l-appellant Fenech jippretendi illi l-valur għandu jkun l-ammont kollu tal-kera għall-fond mil-bidu tal-okkupazzjoni tiegħu fl-1951 sakemm il-kawża l-oħra ġiet deċiża minn din il-Qorti, ossija sat-trimestru li kien allura korrenti, l-appellat Dr. Caruana jsostni illi l-valur għandu jkun il-kera ta' trimestru wieħed skond l-art. 758 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

L-Ewwel Qorti, kif ġa ntqal, ma aċċettatx, la l-pretensjoni l-waħda u lanqas l-oħra, u stabbiliet il-valur, għall-finijiet tat-tassazzjoni fuq il-kera mill-bidu tal-kuntratt sal-perijodu kopert mid-depożitu tat-13 ta' Settembru 1955; ċjoè, in sostanza, sal-preżentata taċ-ċitazzjoni;

Din il-Qorti taqbel għal kollox mal-Ewwel Qorti in kwantu ċaħdet il-pretensjoni tal-appellant Fenech, u għall-istess raġunijiet esposti fis-sentenza appellata; iżda bir-rispett kollu ma jidhrilhiex li kellha tiġi eskluża wkoll it-teżi sottomessa mill-appellat Dr. Caruana. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li għar-rigward tat-talba in kwistjoni kien "disputatum" bejn il-partijiet ma kienx l-ammont tal-kera, imma unikament jekk bejniethom kienx hemm kuntratt ta' lokazzjoni. Fi kliem ieħor, dak li kien in kwistjoni kien it-"titolu" tal-okkupazzjoni tal-fond da parti ta' Fenech.

Dan jidher ċar mit-termini tad-domanda kif formulata fiċ-ċitazzjoni. Hu talab, kif jidher riportat aktar il-fuq, biex jiġi dikjarat (jekk hemm bżonn) li "teżisti vera lokazzjoni ...... validament kontratta bejn il-partijiet". Huwa veru illi dikjarazzjoni simili kienet timporta illi għaż-żmien kollu ta' wara l-bidu tal-okkupazzjoni baqgħet tipperdura l-istess lokazzjoni; iżda dan ġara inevitabbilment għaliex, kif jingħad fis-sentenza appellata, "meta tingħata sentenza fuq att promotorju tal-ġudizzju propost dwar l-eżistenza ta' kuntratt, l-istess deċiżjoni tirriferixxi għall-jum meta dak l-istess kuntratt ikun sar";

Issa, il-mod li bih għandu jiġi kalkulat il-valur "in lite", meta l-azzjoni hi dwar "l-eżistenza jew il-validità ta' kuntratt", kif "ipsissimis verbis" kien il-każ preżenti, hu stabbilit b'dispożizzjonijiet espressi fl-art. 756 u 758 tal-Kodiċi fuq imsemmi. Għad illi dawn l-artikoli direttament jirriferixxu għall-valur fil-każ ta' eċċezzjoni ta' inkompetenza, b'dan kollu għalihom tista' wkoll issir riferenza għall-finijiet ta' tassazzjoni (ara. p. eż., XIX-II-33; XXII-I-68 u 255; XXX-I-553). Fil-każ preżenti, il-paragrafu (a) tal-art. 756 fuq imsemmi ma hux applikabbli, għar-raġuni illi dan ma kienx każ fejn il-lokazzjoni kienet ġiet konvenzjonalment pattwita għal xi perijodu determinat. Huwa, inveċe, applikabbli l-art. 758 (1), li jgħid illi, meta ma hux allegat (kif ma kienx allegat fil-każ preżenti) "that the lease was contracted for a determinate period", il-valur hu determinat, fil-każ ta' bini, mis-somma tal-kera ta' rata waħda; fil-każ tagħna fuq trimestru wieħed għab-bażi ta' £11 fis-sena;

Ġa ladarba t-talba tkun dwar l-"eżistenza tal-kuntratt", jew il-"validità tiegħu", ma jidherx illi, skond l-artikolu fuq imsemmi, jagħmel differenza għall-valur disputat il-fatt illi sal-preżentata taċ-ċitazzjoni jew istituzzjoni tal-azzjoni jkunu skadew aktar minn rata waħda. Jista' wkoll jingħad illi, peress li fil-każ preżenti ma kienx hemm lokazzjoni espressament konvenuta għall żmien determinat fil-kuntratt, l-iskadenzi sussegwenti minn tliet xhur għal tliet xhur ma kienux verament "rinnovazzjonijiet" tal-lokazzjoni taħt l-art. 1625 tal-Kodiċi Ċivili, iżda sempliċement prorogi,

ossija kontinwazzjoni tal-istess unika lokazzjoni taht l-art. 1657 (ara Vol. XVI-I-209);

Fit-tielet lok, l-appellant Fenech ihossu aggravat bl-ahhar parti tas-sentenza appellata, li biha gie deciz illi t-tielet talba tac-citazzjoni in kwistjoni ghandha tkun regolata bhala zewg artikoli, ghad illi, skond l-istess sentenza, dik it-talba kellha "stricto jure" tkun intaxxata, kif fil-fatt kienet, bhala tliet artikoli;

Ghalkemm din il-Qorti tapprezza r-ragumi li ghaliha l-Ewwel Qorti tat dak il-provvediment specjali, però ma jidhrilhiex li tista' taqbel mieghu. Id-drittijiet ghandhom ikunu ntaxxati u regolati skond it-Tariffa u l-ligi, u ma jidherx li r-Registratur jista', sija pure bl-adezjoni tal-partijiet, jaghmel arrangamenti diversi dwarhom. Dan apparti l-fatt illi lanqas l-istess partijiet ma tant jidhru li kkunsidraw il-ftehim ta' bejniethom vinkolanti. Bizzejjed jinghad illi, *mentri l-appellant Fenech qieghed isostni li t-talba* in kwistjoni ghandha tibqa' tassabbli bhala tliet artikoli, l-appellat Dr. Caruana qieghed, minn naha tieghu, jinsisti li t-taxxa ghandha tkun bhala artikolu wiehed;

Ikkunsidrat;

Fuq l-appell principali ta' Dr. Buhagiar nomine;

L-ilment ta' dan l-appellant huwa illi l-imsemmija talba ghall-konsenja tac-cwievet fit-terminu li jigi prefiss mill-Qorti u ghall-awtorizzazzjoni f'kaz ta' inadempjenza, ghat-tibdil tas-serraturi, kellha skond il-ligi tigi ntaxxata bhala zewg artikoli, u mhux tlieta *kif irriteniet* is-sentenza appellata;

Dan l-ilment mhuwiex gustifikat. "Sta di fatto" illi fic-citazzjoni in kwistjoni gew mitluba tant il-kundanna ghall-konsenja tac-cwievet, kemm il-prefissjoni ta' terminu ghal dak l-iskop, kemm l-awtorizzazzjoni, f'kaz ta' nuqqas ta' adempiment da parti tal-konvenut, biex l-attur ibiddel hu stess is-serraturi, u l-Qorti ipprovdiet fis-sentenza fuq "kull wahda" minn dawk it-talbiet, bla ma qalet xejn dwar in-nuqqas ta' utilità jew necessità ta' xi wahda jew ohra

minnhom. Kif intqal fis-sentenza riportata fil-Vol. XXI-II-3, "il registratore deve tassare le dichiarazioni e le domande proposte senza alcuna considerazione della loro utilità o altrimenti, non trovandosi nel Codice di Procedura Civile alcuna disposizione che dia tale facoltà al registratore". Il-fatt biss illi domanda tkun "aċċessorja" għal oħra mhix, weħedha, raġuni biżżejjed biex l-ewwel domanda ma tiġix taxxata; għax dik it-talba tista' tkun distingwibbli u distinta mill-oħra bħala entità ġudizzjali, u toħloq rapporti apprezzabbli għalihom. Hekk f'każ bħal preżenti, jista', kif osservat l-Ewwel Qorti, "ex hypotesi", isir appell mit-terminu biss, għax meqjus twil iż-żejjed mill-attur jew qasir iż-żejjed mill-konvenut. Ġa ladarba t-talba għall-prefissjoni ta' terminu saret, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li għandha tiġi, kif fil-fatt ġiet, taxxata wkoll;

Dwar l-ilment l-ieħor tal-appellant Dr. Buhagiar nomine kontra l-ordni mogħti fis-sentenza appellata biex hu jagħmel notament fil-ktieb tat-taxxi tal-ftehim bejn il-partijiet l-oħra u l-istess Reġistratur, ġa ntqal aktar il-fuq illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dak il-ftehim ma għandux jiġi attiż, u kwindi ma hemmx lok għal dak in-notament;

Ikkunsidrat;

Fl-aħħarnett, fuq l-appell inċidentali ta' Dottor Caruana;

Kwantu għall-mod li bih għandu jiġi kalkulat il-valur tat-talba għad-dikjarazzjoni tal-eżistenza tal-lokazzjoni jidher minn dak li ġie espost aktar il-fuq illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-aggravju tal-appellat Dottor Caruana hu fondat;

Il-pretensjoni l-oħra tiegħu, illi t-talba għall-konsenja taċ-ċwievet, etċ., messha ġiet taxxata bħala artikolu wieħed, ma tistax, għar-raġunijiet ukoll ġa esposti, tiġi milqugħa;

Għaldaqstant din il-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata kif sejjer jingħad:—

1. Tikkonferma nterament l-ewwel kap ta' dik is-sen-

tenza, li bih ġiet mċħuda l-eċċezzjoni tal-irritwalità taċ-ċitazzjoni;

2. Tikkonferma t-tieni kap, in kwantu ddikjara li l-ewwel talba fiż-żewġ sedijiet ġiet intaxxata inkorrettament bħala dikjarazzjoni mentri kellha tiġi ntaxxata "ad valorem", u tirrevokah fil-bqija tal-istess kap, billi tiddikjara, minflok, illi għall-ħ mijiet tat-tassazzjoni l-valur għandu jitqies il-kera ta' t ... et xhur fuq il-bażi ta' £11 fis-sena; bl-ispejjeż tal-ewwel stanza nofs għall-konvenut Fenech u nofs għall-konvenut Dr. Buhagiar nomine;

3. Tikkonferma t-tielet kap in kwantu l-Ewwel Qorti ddikjarat li t-tielet talba kellha skond il-liġi tiġi ntaxxata bħala artikoli kif ġiet fil-fatt regolata, b'mod li l-istess taxxa ma għandhiex għalfejn tiġi riformata; u tirrevoka l-istess kap fil-bqija bl-ispejjeż tal-ewwel stanza fuq dak il-kap żewġ terzi għall-attur u terz għall-konvenut Dr. Buhagiar nomine;

4. Tikkonfermaha in kwantu ordnat li Dr. Harding u P.L. Navarro jħallsu l-ispejjeż tagħhom;

U hekk ipprovdiet fuq l-appell prinċipali ta' Fenech u Dr. Buhagiar ne., u l-appell inċidentali ta' Dr. Caruana rispettivament;

L-ispejjeż tal-appell jitħallsu, dawk relattivi għall-ewwel kap ta' din is-sentenza mill-appellant Fenech, l-ispejjeż l-oħra kollha jitħallsu terz mill-appellant Fenech, terz minn Dr. Buhagiar nomine, u terz minn Dr. Caruana.